**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Ġunju 2024**

Talba Numru: 88/2022/1 CC

**Vincent Micallef [KI 349053 (M)]**

**Martina Micallef [KI 603594 (M)]**

**Vanessa Micallef [KI 389785 (M)]**

**Vs**

**Jethro Bugeja [KI 300384 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-23 ta' Marzu 2022, fejn l-atturi talbu li dan it-Tribunal jordna u jikkundanna lil konvenut Jethro Bugeja sabiex iħallas lill-istess atturi s-somma ta' elf u disa' mitt ewro (€1900) rappreżentanti self magħmul mill-konvenut mill-atturi u li l-konvenut obbliga ruħu li jħallas anke waqt proċeduri ġudizzjarji imma baqa' inadempjenti anke wara li ġie debitament interpellat.

L-Atturi talbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u l-imgħax legali fuq l-imsemmi ammont mid-data tal-pagament sad-data tal-pagament effettiv u liema spejjez għandhom jinkludu wkoll

dawk tal-mandat preżentat kontestwalment ma din il-kawża u dawk tal-ittra uffiċjali numru 2689/2021 maħruġa kontra l-konvenut taħt l-artikolu 166A kontra l-istess konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut preżentata fis-26 ta' April 2022 fejn sostna li t-talba tal-atturi għandha tiġi miċħuda u dan għaliex fl-ewwel lok l-esponenti mhux konsapevoli mill-ebda self li sar lilu mill-atturi, fit-tieni lok l-ebda obligazzjoni ma saret mill-esponenti f'xi att ġudizzjarjiu li jikkonferma dan is-self u dan salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut talab ukoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inkluż tan-nota in atti tal-ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A numru 2689/2021.

Ra is-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar tas-6 ta' Diċembru 2022.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tas-27 ta' Settembru 2023 fejn ħassret is-sentenza mogħtija mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar tas-6 ta' Diċembru 2022, b'dana illi bagħtet l-atti lura lil dan it-Tribunal sabiex jiddeċiedi t-talbiet tal-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut.

Ra li fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2024, il-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u sema' it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tagħhom kontra l-konvenut, l-atturi ressqu is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit ta' Vincent Micallef** fejn fost l-oħrajn huwa sostna li bintu Josette Micallef kienet miżżewġa lil konvenut Jethro Bugeja liema żwieġ eventwalment sfaxxa u seħħet is-separazzjoni personali tagħhom permezz tas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 9 ta' Ġunju 2020 u eventwalment mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata 21 ta' Ottubru 2021.

   Sostna li matul iż-żwieġ, martu, bintu Vanessa u hu kienu silfu lil Josette Micallef u Jethro Bugeja s-somma ta' tlett elef u tmien mija (€3,800) sabiex ikunu jistgħu jixtru garaxx ġewwa ż-Żejtun.

   Sostna li Josette Micallef ħalsithom lura nofs l-ammont tas-self u cioe' is-somma ta' elf u disa' mija (€1,900) iżda l-konvenut baqa' ma ħallashomx sehmu.

   Skond Vincent Micallef waqt il-proċeduri ta' separazzjoni personali, l-konvenut sostna li huwa lest li jħallas id-dejn tiegħu u dan sa mhux aktar tard mill-bejgħ tal-istess garaxx.

   Sostna li anke l-Perit legali emmnet il-verżjoni tiegħu u ta' bintu. Ix-xhud ippreżenta kopja tar-rapport tal-perit legali, liema rapport ġie anness u mmarkat DOK A.

   Sostna li anke fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) datata 9 ta' Ġunju 2020, (liema sentenza ġiet preżentata u annessa u mmarkat DOK B). ġie ikkonfermat li mal-bejgħ tal-garaxx *"mir-rikavat l-ewwel jitħalsu missier u oħt il-konvenuta (...) s-somma ta' €3,800 u l-bilanċ jinqasam bejn il-partijiet"*.

Sostna li l-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza datata 21 ta' Ottubru 2021 ma kkundannatx lil konvenut sabiex iħallashom l-ammont li huma jsostnu li kienu selfuh (li ġiet ippreżentata u annessa u mmarkata DOK C) u dan iżda minħabba l-fatt li l-allegat dejn ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) ma jistax jitqies dejn tal-komunjoni tal-akkwisti, sakemm ma jiġix kanonizzat b'sentenza favur dawk li jippretendu li huma kredituri, u f'dak il-każ kull parti quddiem l-oħra titqies responsabbli għal nofs id-dejn (ukoll jekk it-terzi kredituri l-partijiet jitqiesu debituri in solidum)

Sostna li kuntratt ta' bejgħ sar iżda huma baqgħu ma tħalsux, liema kopja tal-kuntratt ġiet preżentata u annessa u mmarkata DOK D.

Eventwalment sostna li hu u martu diġa rebħu kawża oħra kontra l-konvenut li kienet relatata rigward self ieħor. Il-kawża ġiet ippreżentata u annessa u mmarkata bħala DOK E.

Illi in kontro-eżami x-xhud sostna li l-flus għaddihom lil bintu u lil konvenut cash ġewwa d-dar tagħhom. Mistoqsi jekk kif kien sostna huwa, l-flus għax xiri tal-garage inħarġu mill-kont bankarju ta' bintu, kif qiegħed jgħid li kien silifhom tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) biex setgħu jixtru l-garaxx ? Ix-xhud sostna li huwa kien silifhom il-flus għax-xiri tal-garaxx.

Mistoqsi għalfejn fl-affidavit tiegħu, x-xhud isostni li l-konvenut qatt ma ċaħad li kellu jagħtih il-flus, ix-xhud sostna li l-konvenut qatt ma qallu li ma jridx jagħtihomlu.

Ix-xhud sostna li huwa ma għamilx skrittura fuq dan is-self għaliex is-somma kienet żgħira u għax huwa silef il-flus lil bintu u lil konvenut li dak iż-żmien kien ir-raġel ta' bintu u kellu fiduċja fihom.

2. **Josette Micallef** xehdet kif hi u l-konvenut kienu miżżewġin u kellhom tifel.

Eventwalment isseperaw u llum l-ġurnata ddivorzjati.

Fis-sena 2012 hi u l-konveut dak iż-żmien żewġha kellhom bżonn il-flus biex jixru garaxx u missier u oħt ix-xhud iddeċiedew li jsellfuhom is-somma ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) cash.

Skond ix-xhud l-konvenut u hi kienu ftehmu li malli jinbiegħ il-garage kellu jinqata id-dejn ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800).

Meta nbiegħ l-ewwel garaxx, ix-xhud infurmat lil konvenut li hija kienet se tħallas sehma lil missierha u lil oħtha u l-konvenut infurmaha li huwa kien se jħallas is-sehem tiegħu wkoll lil missierha u lil oħtha. Madanakollu l-konvenut baqa ma ħallashomx. Sostniet li fuq dejn ieħor, il-ġenituri kellhom jintavolaw proċeduri legali biex permezz ta' sentenza l-konvenut ġie ordnat li jħallashom l-ammont dovut.

In kontro eżami x-xhud sostniet li l-konvenut infurmaha li kien se jħallas sehmu minn dan id-dejn lill-missierha u lill-oħtha propju dakinhar li kien sar il-kuntratt tal-garaxx ta' taħt id-dar.

3. **Vanessa Micallef** xehdet li hija kienet selfet xi flus lill oħtha u lil konvenut Jethro Bugeja biex ikunu jistgħu jixtru garaxx. Kienu oħtha u l-konvenut li talbuha sabiex tislifhom dawn il-flus. Apparti hi, missierha kien ħareġ xi flus ukoll biex silfuhom l-ammont mitlub.

   Il-flus għaddiethom lil missierha biex imur jagħtihom lil konvenut u lil oħtha.

   In kontro-eżami x-xhud sostniet li hija ma kinitx preżenti meta missierha għadda l-flus lil oħtha u lil konvenut.

   Ix-xhud sostniet li ma saritx skrittura bejn il-partijiet fuq dan is-self għaliex hi u missierha kienu jafdawhom. Sostniet li l-ftehim kien li nofs l-ammont misluf kellu jitħallas minn oħtha u nofs l-ammont misluf jitħallas mil-konvenut. Sostniet ukoll li missierha u hi ma rabtux lil oħtha u lil konvenut bi żmien partikolari meta dawn il-flus kellhom jagħtuhomlhom lura.

Illi sabiex jirribatti t-talba miġjuba fil-konfront tiegħu mill-atturi, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. **L-Affidavit tal-konvenut Jethro Bugeja** fejn fih fost l-oħrajn sostna li huwa kien miżżewweġ lit-tifla ta' Vincent Micallef u llum il-ġurnata huma ddivorzjati.

   Huwa jiċħad li huwa kien issellef xi flus mingħand Vincent, martu u Vanessa għax-xiri ta' proprjeta' jew għal xi raġuni oħra.

   Sostna li waqt il-kawża tas-separazzjoni qatt ma ġie diskuss dan id-dejn. Skond ix-xhud huwa sar jaf b'dan id-dejn għall-ewwel darba meta Vincent u Vanessa ppreżentaw affidavit konġunt u dan fil-kawża tas-separazzjoni. Dan l-affidavit konġunt ġie preżentat u anness u mmarkat DOK A.

   Sostna wkoll li kuntrarju għal dak li qal Vincent Micallef fl-affidavit tiegħu, huwa la qatt aċċetta dan id-dejn u wisq inqas għamel xi wegħda li huwa kien sejjer iħallas.

   Sostna li l-Perit Legali Dr, Anna Mallia ħejjiet rapport mimli żbalji tant li anke s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kkummentat dwaru.

   Sostna li l-atturi qegħdin jippruvaw jieħdu vantaġġ minn dan ir-rapport tant li ma ppreżentawx il-verbal tal-istess Perit Legali. Minn dawn il-verbali jirriżulta li huwa fl-ebda seduta ma obbliga ruħu li jħallas jew għamel xi wegħda li jħallas xi flejjes lil Vincent Micallef jew lil familtu.

   Sostna li skond il-verbal tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia, tal-5 ta' Lulju 2022 hemm indikat is-segwenti:
   *"Il-partijiet jaqblu li matul iż-żwieġ xtraw il-basement garage fi Triq Ħal Wann (sic Ġwann) Zejtun.....li d-dar matrimonjali* ***<u>biss</u>*** *fiha dejn house loan mal-HSBC u qed jitħallas nofs bin-nofs bejn il-partijiet. Il-partijiet jaqblu li l-propjeta' kollha għandha tinbiegħ.*

Sostna wkoll li fil-kontro-eżami tiegħu quddiem il-Perit Legali huwa sostna li *id-dar matrimonjali inbiegħet bl-għamara b'kollox. Baqa żewġ garaxxijiet li dejn fuqhom ma hemmx.* Sostna li dakinhar, l-avukata ta' Josette Bugeja Micallef ma staqsietu xejn aktar fuq dan l-allegat dejn.

Sostna li Vincent Micallef meta xehed quddiem il-Perit Legali fl-ebda mument ma semma li kien tah xi flus.

Sostna li mill-kopja ta' sentenza li ppreżenta fl-affidavit tiegħu Vincent Micallef rigward self ta' flus, jirriżulta li għal dak is-self kien hemm skrittura.

In kontro-eżami l-konvenut sostna li s-self qatt mar sar. Sostna li l-garaxx kienet xtratu Josette fl-ammont ta' ħdax il-elf u mitejn ewro (€11,200) u meta inbiegħ huwa tagħha dawk il-flus.

Ix-xhud ċaħad li huwa kien preżenti meta Vincent Micallef għaddilhom il-flus ġewwa d-dar tagħhom.

Ix-xhud sostna li d-deċiżjoni biex jinxtara l-garaxx ma ħadix waħdu iżda flimkien ma Josette meta kienu għadhom miżżewġin.

2. Il-verbali tas-seduti li saru quddiem il-Perit Legali l-Avukat Dr Anna Mallia waqt li kienet għaddejja l-kawża numru 217/2014 AL fl-ismijiet Jethro Bugeja pro et noe vs Josette Bugeja fejn f'dawn il-verbali mkien ma hemm indikat li huwa ammetta li huwa debitur tal-atturi jew ikkonferma l-eżistenza ta' dan l-allegat dejn.

3. Nota li permezz tagħha ppreżenta kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-garaxx datat 13 ta' Jannar 2012 in atti nutar Dr Sandra Bugeja. F'dak il-kuntratt hemm iddikjarat li l-bejgħ tal-garaxx sar versu l-prezz ta' ħdax il-elf u mitejn ewro (€11,200).

**Ikkunsidra**

Illi it-Tribunal għandu quddiemu sitwazzjoni fejn filwaqt li l-atturi jinsistu li huma kienu selfu lil konvenut u lil Josette Micallef matul iż-żwieġ tagħhom is-somma ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3800) u dan sabiex ikunu jistgħu jixtru garaxx, min naħa l-oħra l-konvenut jiċħad bil-qawwa kollha dak allegat mill-atturi.

Illi għalhekk, ċertament li dan it-Tribunal ha jkollu qabel xejn iqis il-kredibilta' o meno kemm tal-atturi, kemm tal-konvenut u anke ta' Josette Micallef.

Josette Micallef u l-atturi Vincent Micallef, Vanessa Micallef jsostnu li Vincent Micallef u Vanessa Micallef selfu matul iż-żwieġ is-somma ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) lil Josette Micallef u l-konvenut sabiex jinxtara garaxx.

Isostnu wkoll li filwaqt li Josette Micallef ħallset lura sehemha u cjoe l-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900), madanakollu l-konveut baqa ma ħallasx l-ammont dovut minnu lill-atturi u għalhekk kellhom jipproċedu legalment kontrih.

L-atturi jsostnu li anke l-Perit Legali Dr Anna Mallia emmnet lilhom u cjoe li huma kienu selfu l-ammont ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) lil Josette Micallef u lil konvenut matul iż-żwieġ. Tajjeb li jingħad li kif indikat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell l-Perit Legali filwaqt li reġgħet sostniet li hija temmen li dan is-self kien jeżisti pero sostniet ukoll li kuntrarju għal dak li jingħad fir-relazzjoni tagħha, Jethro Bugeja ma kienx qiegħed jaqbel li għandu jitħallas l-ammont ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3800) lil Vincent Micallef u lil Vanessa Micallef.

L-atturi jsostnu wkoll li huma ma kienux daħlu fi skrittura ma Josette Micallef u l-konvenut għaliex l-ammont kien wieħed żgħir kif ukoll għaliex huma kienu jafdawhom. L-atturi jsostnu wkoll li huma kellhom jipproċedu legalment kontra l-konvenut sabiex il-konvenut ħallashom dak li kien dovut lilu għal self ieħor ta' flus li kienu selfuh meta kienet inxtrat id-dar.

Min naħa l-oħra l-konvenut jiċħad li huwa debitur tal-atturi fl-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900) rappreżentanti sehmu minn self li kien sar lilu u lil Josette Micallef matul iż-żwieġ biex jinxtara l-garage. Il-konvenut isostni li dak il-garage kien inxtara għal prezz ta' ħdax il-elf u mitejn ewro (€11,200). Isostni wkoll li dawk il-flus kienu inħarġu mill-kont bankarju ta' Josette Micallef u li huwa kien diġa radd lura dak l-ammont lil Josette Micallef. Isostni wkoll li l-atturi qegħdin jippruvaw jieħdu vantaġġ minn żball li għamlet fir-relazzjoni tagħha l-Perit Legali Dr Anna Mallia meta ddikjarat li huwa obbliga ruħu li mir-rikavat tal-bejgħ tal-garage huwa jħallas l-ammont ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) lil Vincent Micallef u lil Vanessa Micallef meta dan ma kienx minnu. Il-konvenut isostni li meta Vincent Micallef fl-affidavit tiegħu ippreżenta kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati huwa kien qiegħed jittenta li joskurah ma dan it-Tribunal għaliex għal dak is-self kien hemm skrittura. Mis-sentenza jirriżulta li kien hemm diversi kwistjonijiet legali li huwa ma jifhimx fihom u mhux ha jikkummenta dwarhom.

Min naħa l-oħra l-atturi jsostnu li huma ma għamlux skrittura fuq dan is-self għaliex is-somma kienet żgħira u għax huma silfu l-flus lil Josette Micallef u lil konvenut li dak iż-żmien kien ir-raġel ta' bintu u għalhekk kellhom fiduċja fihom.

It-Tribunal isostni li l-atturi kienu aktar kredibbli fil-verżjoni tagħhom. Dan qiegħed jingħad għaliex minkejja li l-konvenut isostni li għal dak is-self kien hemm skrittura u jipprova jagħti x'jifhem illi li kieku verament sar xi self ieħor kienet issir skrittura kif sar għas-self l-ieħor u li huwa daħal għal kawża minħabba kwistjonijiet legali li huwa ma jifhimx madanakollu minn qari tas-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jirriżulta li l-konvenut apparti li kien qajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni dakinhar huwa kien iddikjara wkoll li l-ammont mitlub mill-atturi fil-konfront tiegħu ma huwiex dovut peress li huwa ma għandu jagħti xejn lill-atturi.

It-Tribunal jasal biex jemmen lill-atturi meta jsostnu li huma ma nsistewx sabiex ssir skrittura rigward dan is-self kemm għaliex is-somma kienet żgħira u anke għaliex huma silfu l-flus lil Josette Micallef u lil konvenut li dak iż-żmien kien ir-raġel ta' Josette Micallef u għalhekk minħabba li dan is-self sar lil tal-familja huma kellhom fiduċja fihom.

Is-self li fuqu kienet saret l-iskrittura, kien self fuq ammont akbar u cioe fuq l-ammont ta' sitt elef liri Maltin (Lm6000) u jirriżulta wkoll li dak is-self kien sar meta Josette Micallef u l-konvenut Jethro Bugeja kienu għadhom għarajjes.

Għalhekk it-Tribunal huwa moralment konvint li s-self ta' tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) mill-atturi lil konvenut u Josette Micallef matul iż-żwieġ verament kien seħħ. Huwa evidentament ċar ukoll li l-konvenut Jethro Bugeja qatt ma ħallas is-sehem tiegħu li jippartjeni lill-atturi għal dan is-self u cjoe l-ammont ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900).

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jiċħad l-eċezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-istess atturi s-somma ta' elf u disa' mitt ewro (€1,900), bl-imgħax legali dekorribbli mit-23 ta' Marzu 2022 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri kif ukoll dawk in konnessjoni mal-ittra numru 2689/2021 ai termini tal-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 594/2022 jitħallsu unikament mill-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**